



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10183/24

RECH 243
COMPET 580

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	23 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9329/1/24 REV 1	
Suġġett:	L-evalwazzjoni ex post tal-Orizzont 2020 u l-prospetti futuri - Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-23 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *L-evalwazzjoni ex post tal-Orizzont 2020 u l-prospetti futuri*, approvati mill-Kunsill fl-4026 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2024.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR L-EVALWAZZJONI EX POST
TAL-ORIZZONT 2020 U L-PROSPETTI FUTURI

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2016¹ dwar "PK7 u l-Prospetti Futuri: L-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni għal tkabbir, impjegi u soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali", li jappoġġaw l-isforzi ambizzjużi ta' simplifikazzjoni mibdija mill-Kummissjoni, jirrikonoxxu l-importanza li jiġu żgurati l-attrazzjoni u l-aċċessibilità tal-Programm Qafas (PQ), jirrikonoxxu l-hteġa li l-aġendi politiċi jiġu allinjati aħjar, jirrikonoxxu li hija meħtieġa data ta' kwalità għolja l-aktar reċenti u suffiċjenti biex jiġu vvalutati l-impatti fit-tul tal-Programmi Qafas tal-UE dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (RŻI), filwaqt li titqies il-hteġa li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-parteċipanti, u jistiednu lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti u lill-Kummissjoni biex iżidu l-effett ta' lieva tal-infiq tar-riċerka u l-iżvilupp pubbliku (R&Ż) f'finanzjament pubbliku u privat ieħor tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) kif ukoll biex titrawwem il-kooperazzjoni pubblika-privata;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2017² "Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 lejn id-disa' Programm Qafas", li jenfasizzaw li l-valur miżjud tal-UE għandu jkun il-matur ewlieni għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-PQ;

¹ 9527/16

² 15320/17

- ir-Rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2021³ dwar "Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa", li fiha jipproponi sett komuni ta' valuri u prinċipji inerenti għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u s-sistemi R&I tagħha, bħall-insegwiment tal-eċċellenza u l-inklużività bħala prinċipju biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ taż-ŻER; filwaqt li jindika wkoll l-importanza tal-koordinazzjoni u l-koerenza bejn id-dimensjoni Ewropea u l-politiki nazzjonali u reġjonali tar-R&I, ir-responsabbiltà ġenerali li jiżdied l-impatt tal-għarfien fuq is-soċjetà; filwaqt li jafferma mill-ġdid il-mira ta' investiment ta' 3 % tal-PDG tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2022⁴ dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli ser tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali" u l-Konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Marzu 2023⁵ dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax", li jenfasizzaw l-importanza tas-sinerġiji bejn il-programmi tal-Unjoni, minn naħa waħda, u bejn il-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali, min-naħa l-oħra, sabiex jiġu żgurati programmazzjoni u implimentazzjoni koerenti u biex jiġi indirizzat id-distakk fir-R&I.
- 1. JILQA' r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar "Evalwazzjoni *ex post* ta' Orizzont 2020, il-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni"⁶ ppubblikat fid-29 ta' Jannar 2024; JINNOTA li diversi mir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni *ex post* qed jiġu indirizzati f'Orizzont Ewropa, u għalhekk JISTENNA B'INTERESS ir-rappurtar f'waqtu tal-Kummissjoni dwar l-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont Ewropa. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza ta' bażi ta' evidenza b'saħħitha u rigoruża biex tinforma t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas.

³ 13701/21

⁴ 13426/22

⁵ 7258/23

⁶ 5941/24 u 5941/24 ADD 2 - 4

I. Prinċipji Bażiċi

2. JENFASIZZA li, xprunati mill-kisba tal-eċċellenza biex jinkiseb impatt għall-benefiċċju ta' ċittadini tal-UE, l-għanijiet ġenerali tal-Programm Qafas huma li jissaħħu l-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-UE filwaqt li jiġu promossi l-attivitajiet ta' riċerka kollha meqjusa meħtieġa biex jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-Unjoni; JINNOTA li l-Programm Qafas huwa għaldaqstant strumentali għall-prijoritajiet politiċi u ta' politika tal-Unjoni, inkluż l-iżvilupp taż-ŻER li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament, filwaqt li jikkontribwixxi b'mod qawwi għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-Unjoni.
3. JISSOTTOLINJA r-rwol ċentrali tal-Programm Qafas bħala l-istrument ċentrali fil-livell tal-UE biex jappoġġa r-R&I u JAFFERMA l-valur miżjud tal-Programm Qafas fl-abilitazzjoni ta' attivitajiet ta' R&I, b'mod partikolari r-riċerka kollaborattiva, li ma kinux ikunu possibbli b'mezzi jew sorsi ta' finanzjament oħra.
4. JIRRIKONOXXI l-messaġġ tal-evalwazzjoni li biex jinkisbu dawn l-għanijiet u tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni, l-attrazzjoni tagħha għat-talent fir-R&I, u l-kapaċità tagħha li tisfrutta l-investimenti pubbliċi u privati, huma meħtieġa baġit u stabbiltà adegwati matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-Programm Qafas, mingħajr preġudizzju għall-QFP futur tal-Unjoni. Barra minn hekk JENFASIZZA li dan jeħtieġ sistema Ewropea b'saħħitha u interkonnessa tar-R&I fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali u JFAKKAR li l-Istati Membri tal-UE għadhom 'il bogħod milli jilhqqu l-mira fil-livell tal-UE li jinvestu 3 % tal-PDG kull sena fir-R&Ż – b'investiment tal-UE ta' 2.22 % tal-PDG fl-2022.

II. Impatt xjentifiku

5. JILQA' l-impatt xjentifiku sostanzjali ġġenerat minn Orizzont 2020, li jixpruna skoperti xjentifiċi u avvanzi pijunieri fix-xjenza u t-teknoloġija, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-pożizzjoni tal-Unjoni bħala mutur xjentifiku globali. JIRRIKONOXXI b'mod partikolari l-kontributi xjentifiċi tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) bħala strumenti ewlenin u JILQA' l-effett ta' strutturar pożittiv tagħhom fuq il-kwalità tax-xjenza, it-taħriġ, l-iżvilupp tal-karrieri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkaturi. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora aktar modi biex testendi l-effett ta' lieva ta' dawn l-istrumenti lejn l-eċċellenza xjentifika u l-ħiliet u l-karrieri mtejbja tar-riċerkaturi fuq l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha tal-Programm Qafas.
6. JIEĦU NOTA li Orizzont 2020 kopra l-katina tal-valur kollha tar-R&I, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timmira għal approċċ ibbilanċjat fl-opportunitajiet ta' finanzjament bejn ir-riċerka fundamentali u l-istadji finali tal-valorizzazzjoni ekonomika jew soċjetali tar-riżultati tar-riċerka, inkluż l-għoti ta' aktar opportunitajiet għal riċerka kollaborattiva f'Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (TRLs) aktar baxxi. JISĦAQ fuq l-importanza li jsir investiment f'bażi ta' għarfien b'saħħitha u wiesgħa, filwaqt li tiġi żgurata firxa wiesgħa ta' riżultati tar-R&I fuq terminu itwal, u b'hekk tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi malajr u b'mod effettiv għal kriżijiet mhux previsti.

III. Impatt fuq is-soċjetà

7. JIEĦU NOTA tal-kontribuzzjonijiet sinifikanti ta' Orizzont 2020 biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà f'allinjament mal-prijoritajiet tal-Unjoni u marbuta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); JILQA' l-evoluzzjoni, wara l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, għal approċċ aktar strateġiku, interdixxiplinari u direzzjonali tal-programm, immirat lejn il-promozzjoni ta' attivitajiet tar-R&I li għandhom il-potenzjal li jittrasformaw is-sistemi soċjali, ekonomiċi u ambjentali u jżidu r-reżiljenza tal-Unjoni. JINNOTA li Orizzont 2020 ma laħaqx bis-sħiħ il-mira baġitarja tiegħu għal suġġetti speċifiċi għall-klima.

8. JENFASIZZA li sabiex jiġi involut il-potenzjal sħiħ tal-investimenti fir-R&I fil-livelli kollha, dan l-approċċ jirrikjedi l-involviment koordinat u l-involviment bikri tal-Istati Membri u l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha fl-istabbiliment u t-tfassil konġunt tal-prijoritajiet tematiċi tar-R&I. JISĦAQ fuq il-valur ta' approċċ minn isfel għal fuq li jkun inqas preskrittiv fi ħdan il-prijoritajiet tematiċi, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-kreattività tar-riċerkaturi biex dawn jiġu indirizzati. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tikkombina l-kontribuzzjonijiet rilevanti mill-partijiet kollha tal-programm biex tippermetti li jintlaħqu objettivi komuni u jiżdied l-impatt f'oqsma ewlenin, kif inbeda mill-approċċ ta' Oqsma Fokus. IFAKKAR fir-rwol importanti tal-eżiti tar-R&I fil-proċess tat-tfassil tal-politika u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tottimizza r-rispons għall-politika mill-proġetti tal-Programm Qafas.
9. JAGĦRAF li l-integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u umanistiċi (SSH) żdiedet matul il-ħajja tal-programm u l-kwalità tal-integrazzjoni tal-SSH fil-proġetti tgiebet, iżda JIDDISPJACIHI li l-adozzjoni tal-SSH fost il-partijiet tal-programm kif ukoll fl-integrazzjoni kwalitattiva tagħhom fil-proġetti mhix uniformi; JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi inkluża perspettiva tas-soċjetà dwar l-attivitajiet ta' riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija u li jinħolqu opportunitajiet aħjar għall-ħolqien tal-valur industrijali u soċjetali. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb l-adekwatezza tal-konsiderazzjonijiet soċjetali diġà fl-istadju tal-abbozzar tal-programmi ta' hídma kollha u billi tevalwaha b'mod aktar rigoruż fil-proposti tal-proġetti fejn rilevanti.

IV. Impatt ekonomiku

10. JAGĦRAF l-impatt ekonomiku usa' tal-programm, mhux biss billi jstimula l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku bħala riżultat tal-investimenti fir-R&I u t-trasferiment tal-għarfien lis-soċjetà u lis-suq, iżda wkoll billi jisfrutta l-investment pubbliku u privat u jżid il-produttività tal-kumpaniji involuti; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi u appoġġati aktar l-investimenti privati permezz tal-Programm Qafas; JINNOTA li huwa stmat li, sal-2040, kull euro investit f'Orizzont 2020 ser irendi ħames euro ta' benefiċċji għaċ-ċittadini tal-UE. JILQA' l-isforzi mtejbja biex tissaħħaħ il-prestazzjoni tar-R&I tal-Unjoni.

11. JILQA' l-introduzzjoni tal-proġett pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) f'Orizzont 2020, li jagħti bidu għall-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz għall-miżuri ta' innovazzjoni; JAFFERMA MILL-ĠDID il-hteġa li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkomplu jappoġġaw it-tipi kollha ta' innovazzjoni, inkluż il-potenzjal innovattiv u teknoloġiku rivoluzzjonarju madwar l-Ewropa u l-isforzi biex jissaħħaħ is-suq Ewropew ta' kapital ta' riskju li jiffaċilita l-investimenti transfruntiera u jżid il-kapital ta' riskju disponibbli għall-innovazzjoni, inkluż l-espansjoni ta' teknoloġiji ġodda. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tapprofondixxi s-sinerġiji bejn l-istrumenti u l-programmi ta' innovazzjoni rilevanti, bħat-tisħiħ tal-komplementarjetajiet bejn l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-EIC b'appoġġ għall-innovazzjoni u biex tivvaluta l-opzjonijiet biex jiġi evitat it-trikkib tal-istrumenti.
12. JENFASIZZA li minkejja l-ammont kbir ta' riżultati li jistgħu jiġu sfruttati tal-proġetti ta' Orizzont 2020 huwa meħtieġ aktar sforz biex jissaħħaħ l-użu effettiv mill-utenti finali, inkluż dawk li jfasslu l-politika. JAGĦRAF l-isforzi tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi servizzi u għodod ta' appoġġ għall-isfruttament u d-disseminazzjoni fl-Unjoni kollha biex ittejjeb il-viżibbiltà kif ukoll l-użabbiltà tar-riżultati, iżda JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb u testendi dawn l-għodod u s-servizzi u tesplora modi addizzjonali ta' appoġġ għall-benefiċjarji fit-titjib tal-valorizzazzjoni tal-għarfien u l-kapaċitajiet u l-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom.
13. JENFASIZZA l-valur miżjud tal-involviment bikri tal-utenti finali jew il-perspettivi tagħhom fit-tfassil u l-istruttura tal-proġetti rilevanti tar-R&I. JILQA' ż-żieda fl-għadd ta' parteċipanti ġodda attirati lejn Orizzont 2020 minn diversi setturi, dixxiplini xjentifiċi u pajjiżi, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġodda minn madwar l-Unjoni li jistgħu jżidu l-valur fit-tisħiħ tal-ħolqien tal-għarfien u l-valorizzazzjoni, b'mod partikolari l-SMEs.

V. Sinerġiji

14. JAGĦRAF il-progress li sar fil-faċilitazzjoni tas-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u programmi u fondi oħra tal-UE; JINNOTA li f'Orizzont 2020 is-sinerġiji upstream u l-finanzjament alternattiv għamlu progress fl-implimentazzjoni iżda li s-sinerġiji downstream u l-finanzjament komplementari minn sorsi tal-UE, nazzjonali, reġjonali u privati wrew hteġa għal titjib. JAGĦRAF li s-Sħubijiet jistgħu jinkoraġġixxu sinerġiji bejn il-finanzjament nazzjonali u tal-UE, u jsaħħu l-ħolqien u l-valorizzazzjoni tal-għarfien; JIRRAKKOMANDA l-istabbiliment ta' perkorsi aktar effiċjenti fi ħdan il-Programm Qafas, bejn il-programmi settorjali rilevanti tal-UE u l-programmi nazzjonali u reġjonali għall-irfinar jew l-espansjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni ġġenerati mill-azzjonijiet tal-Programm Qafas sabiex tingħata spinta lill-isfruttament u l-adozzjoni tagħhom; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestigaw modi kif iwessgħu l-ambitu u l-użu tas-Siġill ta' Eċċellenza u jżidu l-għarfien dwar din l-opportunità.
15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa mal-Istati Membri viżjoni ġenerali dwar ix-xenarju ta' finanzjament Ewropew, nazzjonali u reġjonali tar-R&I li twassal għal simplifikazzjoni u approċċ aktar ikkoordinat permezz tat-tfassil tal-programmi u konnessjoni aħjar bejn il-partijiet kollha, biex b'hekk jissaħħu l-komplementarjetà, il-koerenza, titnaqqas il-frammentazzjoni u jiġi massimizzat l-użu ulterjuri tar-riżultati tar-R&I. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-korpi involuti fil-ġestjoni tal-programmi rilevanti relatati mar-R&I fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, inkluż il-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-Programm Qafas; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tinvesti fil-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni għall-korpi ta' finanzjament u l-applikanti ta' rezultati li jistgħu jiġu sfruttati tal-Programm Qafas kif ukoll opportunitajiet ta' segwitu fil-programmi kollha u fi stadji differenti tal-attività tar-R&I.

VI. Appoġġ għaż-ŻER

16. JILQA' l-miri u l-kisbiet tal-parti tax-Xjenza mas-Soċjeta' u għas-Soċjeta' (SwafS) ta' Orizzont 2020 u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jallinjaw aħjar il-Programm Qafas mal-qafas politiku taż-ŻER biex itejbu r-rilevanza tagħhom fl-istabbiliment ta' suq uniku mingħajr fruntieri għar-R&I fl-Ewropa kollha.
17. JILQA' t-titjib li sar lejn il-bilanċ bejn il-ġeneri f'Orizzont 2020, iżda JIKKUNSIDRA li l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-programm, inkluż fil-koordinazzjoni tal-proġetti, għandha tissaħħaħ; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tanalizza aktar il-kawżi tal-iżbilanċi u tesplora miżuri addizzjonali aktar b'saħħithom biex tappoġġa r-riċerkaturi, l-evalwaturi, l-intraprendituri u l-innovaturi nisa, u JIRRAKKOMANDA enfasi kontinwa fuq l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-appoġġ għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
18. JENFASIZZA l-iżvilupp, l-aġġornament u l-aċċessibbiltà mtejba tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija mwettqa f'Orizzont 2020, it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni fir-riċerka, il-faċilitazzjoni tal-avvanzi xjentifiċi tal-ogħla livell, u l-iżgurar tal-ittestjar tal-innovazzjonijiet; JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiffaċilitaw l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka, inkluż għar-riċerka kollaborattiva, u joħolqu sinerġiji akbar bejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE, nazzjonali u reġjonali għall-infrastrutturi tar-riċerka, biex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet tagħhom ikunu sostenibbli, f'konformità mal-ħidma u r-rakkomandazzjonijiet tal-ESFRI.

19. JILQA' l-progress li sar fl-integrazzjoni tal-prinċipji u r-rekwiżiti tal-aċċess miftuħ f'Orizzont 2020, l-iżvilupp tal-pjattaforma tal-pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ Open Research Europe (ORE) u l-istabbiliment tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC), li jikkontribwixxu għal ċirkolazzjoni msaħħa tal-għarfien; JIRRAKKOMANDA t-tkomplija u l-inċentivazzjoni tal-ġestjoni tad-data traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli (FAIR) fost id-dixxiplini u l-partijiet tal-programm.
20. IFAKKAR li l-ftuħ ta' Orizzont 2020 għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I huwa strumentali biex jissaħħu l-eċċellenza u l-attrazzjoni tal-UE, biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u biex jiġu appoġġati l-oġettivi tal-politika esterna u tal-iżvilupp tal-Unjoni. JISTIEDEN lill-Kummissjoni ssaħħa il-kollaborazzjoni internazzjonali f'konformità mal-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tippreserva ekonomija miftuħa u tqis il-kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel billi tibbilanċja l-ftuħ u l-libertà tar-riċerka xjentifika mal-ħtieġa li tissaħħa is-sigurtà tar-riċerka.

VII. Żieda fil-parteċipazzjoni

21. JINNOTA ż-żieda moderata fir-rata ta' parteċipazzjoni u tas-sehem tal-kontribuzzjoni tal-UE tal-pajjiżi li jħejju għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020, u d-disparitajiet persistenti bejn il-pajjiżi li jħejju għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni u dawk li mhumiex; IFAKKAR li bidla sostenibbli ġenwina tirrikjedi investimenti u riformi nazzjonali kontinwi u mmirati fis-sistemi nazzjonali tar-R&I. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tivvaluta u tippreżenta l-impatt u l-effettività tal-miżuri ta' twessigħ implimentati, filwaqt li tqis il-kawżi ewlenin differenti tad-distakk fir-R&I. JAGĦRAF li kien hemm inqas parteċipanti ġodda fost il-benefiċjarji fit-Tixrid tal-Eċċellenza u ż-Żieda fil-Parteċipazzjoni meta mqabbla mal-partijiet l-oħra tal-programm; JENFASIZZA fl-istess ħin disparitajiet konsiderevoli fost il-pajjiżi tat-twessigħ kemm fil-parteċipazzjoni kif ukoll fir-rati ta' suċċess u JISTIEDEN lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward biex tivvaluta u tippreżenta l-impatt ta' diversi opzjonijiet lejn approċċ aktar effettiv, inkluż azzjonijiet imfassla apposta, li jikkunsidraw il-kawżi fundamentali identifikati u jikkontribwixxu biex jingħalaq id-distakk fir-R&I.

22. JENFASIZZA li s-sħubija ma' istituzzjonijiet bi prestazzjoni għolja permessa bit-twessigħ tal-miżuri kkontribwixxiet b'mod deċiżiv għall-kwalità tar-riċerka fil-pajjiżi li jħejju għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni ssaħħa il-miżuri li jappoġġaw il-ftuħ tan-networks tar-riċerkaturi u l-għoti ta' opportunitajiet ta' networking, speċjalment għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora użu usa' ta' approċċi sinerġetiċi u kollaborattivi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, kif ukoll biex testendi l-miżuri ta' appoġġ għal dan.

VIII. Implimentazzjoni

23. JINNOTA b'dispijaċir li diversi partijiet tal-programm soffrew minn sottoskrizzjoni żejda sinifikanti u għalhekk irriżultaw ftelf serju ta' sforz u riżorsi għall-applikanti; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tesplora approċċi ġodda biex tindirizza s-sottoskrizzjoni żejda kif ukoll ir-rati baxxi ta' suċċess, biex tkompli l-isforzi ta' simplifikazzjoni u tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi għall-applikanti u l-benefiċjarji; JINNOTA li kważi tliet kwarti tal-proposti vvalutati bħala ta' kwalità għolja minn esperti indipendenti ma setgħux jiġu ffinanzjati. JILQA' l-pilotaġġ ta' miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-effiċjenza jew it-tnaqqis tal-kumplessità tal-programm u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora aktar opzjonijiet għat-tnaqqis tar-rati ta' żball fin-nefqa operazzjonali u l-ispejjeż tal-persunal f'azzjonijiet appoġġati; JENFASIZZA li evalwazzjoni trasparenti u f'waqtha tal-proġetti pilota, filwaqt li jitqies ir-rispons mill-benefiċjarji u mill-partijiet ikkonċernati, hija meħtieġa qabel ma l-bidliet jiġu introdotti b'mod aktar ġenerali; JENFASIZZA fl-istess ħin l-importanza li r-regoli għall-parteċipazzjoni jibqgħu stabbli kemm jista' jkun u l-ħtieġa ta' dokumenti ta' gwida għall-applikanti u l-benefiċjarji.

24. JINNOTA li b'mod ġenerali l-ġhadd eċċessiv ta' strumenti fil-programm, inkluż ix-xenarju kumpless tas-Sħubijiet, ifixkel in-navigabbiltà u l-aċċessibbiltà għall-applikanti minkejja t-titjib konsiderevoli li sar, bħall-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-valur miżjud ta' kull strument separat u biex twaqqaf jew torjenta mill-ġdid lil dawk li għandhom prestazzjonijiet agħar minn dawk mistennija jew li jikkoinċidu ma' xulxin. JAGĦRAF ir-rwol vitali tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali biex jiggwidaw u jappoġġaw lill-applikanti u JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikompli jsaħħu r-rwoli u l-prattiki tagħhom u biex jappoġġaw ukoll il-ġestjoni u l-kapaċità tar-riċerka organizzattiva.

IX. Monitoraġġ

25. JILQA' l-attenzjoni msaħħa għall-valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti ta' Orizzont 2020, iżda JINNOTA b'dispjaċir li l-arranġamenti ta' monitoraġġ f'Orizzont 2020 kellhom kamp ta' applikazzjoni limitat wisq prinċipalment meta jitqiesu l-impatti ekonomiċi u fuq is-soċjetà, il-kwistjonijiet trażversali – b'mod partikolari x-xjenzi soċjali u umanistiċi u l-ġeneru – il-prijoritajiet politiċi – bħall-azzjoni klimatika – u fil-valutazzjoni tal-effetti ta' lieva fuq il-bidla organizzattiva fir-R&I tal-benefiċjarji tiegħu. Għalhekk, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-impatti fit-tul tal-programm f'evalwazzjonijiet futuri, ittejjeb il-ġbir tad-data u l-kwalità tad-data li jkopru l-programm kollu, u tkompli tiżviluppa metodi innovattivi, indikaturi rilevanti u miri realistiċi biex jiġi ottimizzat il-monitoraġġ.